



# Aċċess għall-Proċedura tal-Ażil

X'għandek bżonn tkun taf



***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea.***

**Numru tat-telefown waħdieni bla ħlas (\*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati  
ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini  
tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija  
disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-  
server Europa (<http://europa.eu>).

*Designed by EWORX*

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni  
Ewropea, 2016

FAQ Leaflet:

ISBN 978-92-9243-689-6

doi:10.2847/262803

© L-Unjoni Ewropea, 2016

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors  
oriġinali.

*Printed in Luxembourg*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA HIJLSA MILL-KLORUR ELEMENTARI (ECF)

# Aċċess għall- Proċedura tal-Ażil

X'għandek bżonn tkun taf

# Werrej

|           |                                                                                                                         |           |
|-----------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------|
| <b>1</b>  | X'inhi l-protezzjoni internazzjonali?                                                                                   | <b>1</b>  |
| <b>2</b>  | X'inhu n- <i>non-refoulement</i> u għal min japplika?                                                                   | <b>2</b>  |
| <b>3</b>  | Min għandu jingħata l-protezzjoni internazzjonali fl-UE?                                                                | <b>3</b>  |
| <b>4</b>  | X'inhi d-differenza bejn migrant u persuna li teħtieġ protezzjoni internazzjonali?                                      | <b>5</b>  |
| <b>5</b>  | Huwa d-dmir tiegħi li niddeċiedi pjekk persuna hijiex fil- bżonn ta' protezzjoni internazzjonali?                       | <b>6</b>  |
| <b>6</b>  | Xi drittijiet għandhom persuni li jistgħu jkunu fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali meta niġi f'kuntatt magħhom?  | <b>7</b>  |
| <b>7</b>  | X'inhi r-responsabbiltà tiegħi s lejn persuni vulnerabbli?                                                              | <b>8</b>  |
| <b>8</b>  | X'inhi r-responsabbiltà tiegħi lejn tifel/tifla jew lejn persuna li tallega li hi tifel/tifla?                          | <b>9</b>  |
| <b>9</b>  | Tista' vittma tat-traffikar tal-bnedmin ikollha wkoll bżonn ta' protezzjoni internazzjonali?                            | <b>11</b> |
| <b>10</b> | Min jista' japplika għall-protezzjoni internazzjonali?                                                                  | <b>13</b> |
| <b>11</b> | Tista' persuna b'dokumenti frodulent i jew mingħajr l-ebda dokument tapplika hi wkoll għal protezzjoni internazzjonali? | <b>14</b> |

|           |                                                                                                                                                         |           |
|-----------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------|
| <b>12</b> | Kif nagħraf li xi ħadd jista' jkun li jixtieq japplika għall-protezzjoni internazzjonali?                                                               | <b>15</b> |
| <b>13</b> | għall-protezzjoni internazzjonali?<br>għall-protezzjoni internazzjonali?<br>japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali?                                | <b>17</b> |
| <b>14</b> | Meta għandha per- suna ssir applikant<br>Meta għandha per- suna ssir applikant                                                                          | <b>19</b> |
| <b>15</b> | Kif ninduna li persuna qed titlob għall-protezzjoni internazzjonali?                                                                                    | <b>20</b> |
| <b>16</b> | X'għandi nagħmel jekk persuna tkun esprimiet miegħi x-xewqa li tapplika għall-protezzjoni internazzjonali?                                              | <b>21</b> |
| <b>17</b> | X'għandi nagħmel jekk ikun hemm indikazzjonijiet li xi ħadd jista' jkun li jkollu bżonn ta' protezzjoni, iżda hu/hi ma esprimiex ix- xewqa li japplika? | <b>23</b> |
| <b>18</b> | X'jiġri jekk persuna applikat għall-ażil, iżda jien nissuspetta li din il-persuna qed tipprova biss tabbuża mis-sistema?                                | <b>25</b> |
| <b>19</b> | X'jiġri jekk ma jirnexxilix nidentifika persuna li tixtieq tapplika għall-protezzjoni internazzjonali?                                                  | <b>26</b> |
| <b>20</b> | Xi kultant inħossni eżawrit(a) jew inħossni rrabjat(a) għall-persuni li jkolli naffaċċja fuq bażi ta' kuljum.<br>Dan huwa normali?                      | <b>27</b> |
|           | <b>L-Aċċess għall-Proċedura tal-Ażil</b>                                                                                                                | <b>28</b> |

# 1 X'inhi l-protezzjoni internazzjonali?

Nies fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali m'għandhomx id-drittijiet tal-bniedem bażiċi u s-sigurtà fiżika ggarantiti f'pajjiżhom u dawn ġew sfurzati jaħarbu mir-riskju ta' persekuzzjoni, trattament inuman jew degradanti jew vjolazzjonijiet serji oħra tad-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, il-komunità internazzjonali jeħtieġ li tintervjeni u tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-liġi internazzjonali u dik tal-UE biex tagħti protezzjoni internazzjonali lil dawk li m'għandhomx protezzjoni f'pajjiżhom.

**L-acquis tal-UE dwar l-ażil jipprevedi żewġ forom ta' protezzjoni internazzjonali: l-istatus ta' refuġjat u l-istatus tal-protezzjoni sussidjarja.** Abbażi tal-prinċipju ta' status uniformi għar-refuġjati u għall-persuni eliġibbli għall-protezzjoni sussidjarja, il-benefiċjarji tal-istatus ta' protezzjoni sussidjarja għandhom jingħataw l-istess drittijiet u benefiċċji li jgawdu minnhom ir-refuġjati u għandhom ikunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà. Barra minn hekk, l-istat tiegħek jista' jipprevedi wkoll forom oħrajn ta' protezzjoni, abbażi ta' raġunijiet umanitarji.

**L-aċċess għal proċedura tal-ażil sigur u adegwat huwa element essenzjali biex jiġi żgurat li l-persuni li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali jgawdu d-drittijiet li għalihom huma intitolati.** Bħala uffiċjal tal-ewwel kuntatt, int għandek rwol kruċjali fl-iżgurar tal-aċċess għall-protezzjoni għal persuni fil-bżonn.

## 2 X'inhum n-non-refoulement u għal min japplika?

*Non-refoulement* jirreferi għall-obbligu tal-Istati Membri li jżommu lura milli jkeċċu jew jirritornaw lil kwalunkwe individwu bi kwalunkwe mod lejn il-fruntieri tat-territorji jew lejn kwalunkwe post fejn jista' jaffaċċja persekuzzjoni, il-piena tal-mewt, tortura, jew kastig jew trattament ieħor degradanti jew inuman, anki jekk jinstab f'sitwazzjoni migratorja irregolari. Fil-kuntest tal-ażil, il-prinċipju ta' *non-refoulement* jinvolve rekwiżit li jagħti lill-individwi li jkun qad ifittxu protezzjoni internazzjonali, aċċess għat-territorju u għal proċeduri tal-ażil ġusti u effiċjenti biex jiġi determinat jekk il-persuna għandhiex tingħata l-protezzjoni internazzjonali jew le.

Il-projbizzjoni ta' *refoulement* hi applikabbli għal kwalunkwe forma ta' tneħħija bil-forza, inkluż id-deportazzjoni, l-espulsjoni, l-estradizzjoni, it-trasferiment informali jew il-"konsenji", u n-nuqqas ta' ammissjoni fil-fruntiera. **Dan jinkludi wkoll ir-refoulement indirett, li huwa r-ritorn ta' persuna lejn pajjiż terz fejn jeżisti r-riskju ta' refoulement.** L-ebda persuna li tkun qad tfittex ażil ma għandha tintradd lura f'pajjiż terz għad-determinazzjoni tat-talba mingħajr garanziji suffiċjenti, f'kull każ individwali. Dawn il-garanziji jinkludu li l-persuna tiġi riammessa f'dak il-pajjiż, tgawdi minn protezzjoni effettiva kontra r-refoulement, ikollha l-possibilità li tfittex u tgawdi l-ażil u tiġi trattata skont standards internazzjonali aċċettati.



Ara Sezzjoni Ir-rwol ewlieni tal-uffiċjali tal-ewwel kuntatt, tal-Gwida Prattika.

# 3 Min għandu jingħata l-protezzjoni internazzjonali fl-UE?

**L-acquis tal-UE dwar l-ażil jipprevedi żewġ forom ta' protezzjoni internazzjonali: l-istatus ta' refuġjat u l-istatus tal-protezzjoni sussidjarja.** Barra minn hekk, l-istat tiegħek jista' jipprevedi wkoll forom oħrajn ta' protezzjoni, abbażi ta' raġunijiet umanitarji.

- **Refuġjat** huwa persuna li kienet imġiegħla taħrab mill-pajjiż tan-nazzjonalità tagħha, jew fil-każ ta' persuni mingħajr stat mill-pajjiż tar-residenza abitwali ta' qabel, minħabba biża' raġonevoli li tiġi ppresegwitata minħabba raġunijiet ta' razza, reliġjon, nazzjonalità, opinjoni politika jew sħubija ma' grupp soċjali partikolari, u ma tistax jew, minħabba din il-biża', ma tixtieqx tmur lura fih.
- **Il-protezzjoni sussidjarja** tingħata lil persuni li ma jikkwalifikawx bħala refuġjati, iżda li xorta jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali. Fl-UE kollha, il-protezzjoni sussidjarja hija provduta lil dawk li qed jaffaċċjaw riskju reali ta' **dannu serju** jekk jirritornaw lejn pajjiżhom. Dannu serju jikkonsisti minn:
  - il-piena kapitali jew tortura
  - bi qtil, kastig jew trattament inuman jew degradanti
  - theddida serja u individwali minħabba vjolenza indiskriminata f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat internazzjonali jew intern.

Bħala uffiċjal tal-ewwel kuntatt, ir-responsabbiltajiet tiegħek jinkludu l-identifikazzjoni xierqa u r-riferiment ta' persuni li jistgħu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali kif ukoll ta' persuni oħrajn bi ħtiġijiet speċjali, inkluż it-tfal u l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Xi

drabi n-nies jista' jkollhom ħtiġijiet multipli u jistgħu jeħtieġu riferimenti multipli.

Ftakar li meta int tiġi f'kuntatt ma' persuni li jistgħu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali, inti tkun qed tirrappreżenta mhux biss lil pajjiżek, iżda anki lill-UE kollha kemm hi.

## X'inhi s-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil?

Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (CEAS) hi sistema komuni bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Hija mmirata biex tiżgura t-trattament ġust u uman tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, biex tarmonizza sistemi tal-ażil u biex tnaqqas id-differenzi bejn l-Istati Membri fuq bażi ta' leġiżlazzjoni vinkolanti, kif ukoll biex issaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-ażil u d-dimensjoni esterna tal-ażil.

Is-CEAS hija magħmula mill-istrumenti legali li ġejjin, li jistabbilixxu standards komuni għoljin u kooperazzjoni aktar b'saħħitha biex tiżgura li l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jiġu trattati b'mod ugwali f'sistema ġusta u effiċjenti — kull fejn japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali:

Ir-riformulazzjoni **tad-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Ażil** li timmira li jittieħdu deċiżjonijiet tal-ażil ġusti, ta' malajr u ta' kwalità tajba.

Ir-riformulazzjoni **tad-Direttiva dwar il-Kondizzjonijiet tal-Akkoljenza** li tiżgura li jkun hemm kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali umani għal dawk li jkunu qed ifittxu ažił fl-UE kollha u li d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati jiġu rrispettati fis-sħiħ.

Ir-riformulazzjoni **tad-Direttiva dwar il-Kwalifikazzjoni** li tiċċara r-raġunijiet għall-ġħoti tal-protezzjoni internazzjonali. Id-dispożizzjonijiet tagħha jipprevedu wkoll serje ta' drittijiet u miżuri ta' integrazzjoni għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali.

Ir-riformulazzjoni **tar-Regolament ta' Dublin** tiċċara l-proċess tal-istabbiliment ta' liema Stat Membru huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.

Ir-riformulazzjoni **tar-Regolament ta' EURODAC** ittejjeb il-funzjoni tal-bażi ta' **data** tal-marki tas-swaba' tal-ażil tal-UE.

# 4 X'inhi d-differenza bejn migrant u persuna li teħtieġ protezzjoni internazzjonali?

Immigrant hu terminu b'f'irxa wiesgħa li jkopri persuni li jitolqu minn pajjiż jew reġjun partikolari biex imorru joqogħdu f'post ieħor. Xi immigranti volontarjament jiddeċiedu li jiċċaqalqu għal raġunijiet varji, ħafna minnhom għal raġunijiet li mhumix relatati mal-protezzjoni, pereżempju minħabba rbit familjari jew minħabba diffikultajiet ekonomiċi. **Persuni li għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali**, madankollu, **huma sfurzati li jaħarbu biex isalvaw ħajjithom jew biex jippriservaw il-libertà tagħhom**. Dawn m'għandhom l-ebda protezzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom; fil-fatt huwa ta' spiss il-gvern tagħhom stess li jkun qed jhedded li jippersegwitahom. Jekk pajjiżi oħrajn ma jħalluhomx jidħlu, u ma joffrullhomx protezzjoni, dawn jistgħu jkunu qed jesponuhom għall-mewt, għall-persekuzzjoni jew għal vjolażżjonijiet oħrajn serji tad-drittijiet tal-bniedem.

Mudelli migratorji moderni huma spiss imħallta. Fi ħdan flussi mħallta ta' migrazzjoni, daww li għandhom bżonn ta' protezzjoni u daww li r-raġunijiet tagħhom mhumix relatati mal-protezzjoni jivvjaġġaw ma' xulxin, u jagħmlu użu mill-istess rotot u mezzi ta' trasport. Vjaġġi bħal dawn jistgħu jkunu twal, diffiċli u perikolużi, ħafna drabi organizzati b'mod irregolari. L-identifikazzjoni ta' daww li jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa komputu impenjattiv ħafna iżda estremament importanti.

# 5 Huwa d-dmir tiegħi li niddeċiedi jekk persuna hijiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali?

**Le. Mhijiex responsabbiltà tiegħek li tevalwa jekk persuna hijiex fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jew jekk l-istorja tagħha/tiegħu hijiex kredibbli.** Għandha tiġi segwita proċedura differenti f'postijiet differenti, immexxija minn uffiċjali tal-awtorità ta' determinazzjoni tal-ażil, sabiex tiġi evalwata l-applikazzjoni u jiġi ddeterminat, skont il-liġi tal-UE u dik internazzjonali, jekk il-persuna tikkwalifikax għall-protezzjoni internazzjonali jew le.

Dmirek hu li tidentifika persuni li jista' jkun li jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, tippovvilhom informazzjoni dwar il-possibbiltà li jagħmlu dan u tirreferi għall-awtorità kompetenti lil dawk li esprimew ix-xewqa li japplikaw.



*Ara Sezzjoni Ir-rwol ewlieni tal-uffiċjali tal-ewwel kuntatt tal-Gwida Prattika.*

# 6 Xi drittijiet għandhom persuni li jistgħu jkunu fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali meta niġi f'kuntatt magħhom?

**Persuni li jistgħu jkunu fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali huma intitolati għal ċerti drittijiet irrispettivament minn jekk ikunux applikaw b'mod espliċitu għall-protezzjoni internazzjonali jew le.** F'ħafna każijiet, se jkun id-dmir tiegħek li tiżgura li dawn id-drittijiet jiġu garantiti.

Fil-fatt, il-prinċipju ta' **non-refoulement** japplika għall-persuni kollha irrispettivament minn jekk l-istatus tagħhom ikunx ġie determinat formalment jew le. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li ma jirritornawx individwi lejn kwalunkwe post fejn dawn jistgħu jaġġaw persekuzzjoni kif ukoll trattament jew kastig inuman jew degradanti, inkluż tortura, anki jekk dawn jinsabu f'sitwazzjoni migratorja irregolari.

Drittijiet oħrajn jinkludu **aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil**, id-**dritt għall-informazzjoni** f'lingwa li l-persuna tkun kapaċi tifhem dwar il-possibbiltà li tapplika, inkluż l-aċċess għal **interpretu**, u l-**opportunità li tikkomunika mal-UNHCR jew ma' organizzazzjonijiet oħrajn** li jipprovdu pariri legali jew konsulenza lill-applikanti.

Ftakar li l-persuni kollha għandhom jiġu trattati b'**rispett sħiħ għad-dinjità umana** u skont id-drittijiet fundamentali u umani, inkluż l-għoti ta' kura tas-saħħa ta' emerġenza u li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi. Persuni vulnerabbli, inklużi tfa' u vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, għandhom jiġu identifikati u riferuti għal proċeduri xierqa.



Ara Sezzjoni Ir-rwol ewlieni tal-uffiċjali tal-ewwel kuntatt tal-Gwida Prattika.

# 7 X'inħir-responsabbiltà tiegħi lejn persuni vulnerabbli?

Persuni vulnerabbli jinkludu speċjalment tfal, tfal mhux akkumpanjati, persuni b'diżabbiltà, persuni anzjani, nisa tqal, ġenituri waħedhom bit-tfal, vittimi ta' traffikar tal-bnedmin, persuni b'mard serju jew b'disturbi mentali u persuni li jkunu ġew soġġetti għal tortura, stupru jew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika jew sesswali.

Punti tal-qsim tal-fruntiera u faċilitajiet ta' detenzjoni huma fost il-postijiet primarji fejn il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli jistgħu jkunu ddikjarati jew osservati. Bħala uffiċjal ta' fuq quddiem, int għandek ir-responsabbiltà **li tidentifika l-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli u li tirreferihom għal aktar evalwazzjoni u/jew appoġġ** lill-awtoritajiet nazzjonali u lil partijiet ikkonċernati oħrajn, bħall-NGOs u l-UNHCR, li huma speċjalizzati u li għandhom il-mandat li jwieġbu għall-ħtiġijiet tagħhom skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali. Agħmel ċert li int taf bil-proċeduri ta' riferiment nazzjonali u li għandek id-dettalji ta' kuntatt rilevanti disponibbli.

Il-kunsiderazzjonijiet ta' saħħa ta' emerġenza u l-ħtiġijiet bażiċi għandhom dejjem jiġu indirizzati minnufih u għandhom dejjem ikunu ta' prijorità fuq tħassib migratorju. L-għaqda tal-familja għandha tinżamm, kemm jista' jkun possibbli, u t-tfal m'għandhomx jiġu sseparati minn mal-ġenituri jew mill-qraba tagħhom.



*Ara Sezzjoni Ir-rwol ewlieni tal-uffiċjali tal-ewwel kuntatt tal-Gwida Prattika.*

## 8

## X'inhì r-responsabbiltà tiegħi lejn tifel/tifla jew lejn persuna li tallega li hi tifel/tifla?

F'konformità mal-istandards legali u l-leġiżlazzjoni internazzjonali u Ewropej rilevanti, **tifel/tifla hu kull persuna taħt it-18-il sena** sakemm, skont il-liġi applikabbli għat-tifel/tifla, il-maturità ntlaħqet qabel. Anki jekk m'intix ċert jekk il-persuna li tkun qed tallega dan hijiex verament tifel/tifla, din il-persuna għandha tiġi riferuta lill-awtorità responsabbli għall-valutazzjoni tal-età skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali.

**It-tfal huma intrinsikament vulnerabbli u huwa importanti ħafna li tkun partikolarment sensittiv għall-ħtiġijiet speċjali tagħhom, speċjalment fil-każ li ma jkunux akkumpanjati jew ikunu separati.** Tfal mhux akkumpanjati jew separati għandhom jiġu identifikati u riferuti lill-awtoritajiet responsabbli mill-aktar fis possibbli skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali u f'konformità mal-garanziji pprovduti mil-liġi tal-UE. Agħmel ċert li int taf bil-proċeduri nazzjonali ta' riferiment u li għandek id-dettalji ta' kuntatt tas-servizzi speċjalizzati għall-protezzjoni tat-tfal u tal-partijiet ikkonċernati responsabbli oħrajn disponibbli.

**Dejjem ibqa' osserva u agħti attenzjoni għal indikazzjonijiet possibbli ta' traffikar.** Hemm xi ħaġa mhux tas-soltu dwar is-sitwazzjoni li qed tara? It-tifel (jew tifla) jinsab kwiet, maqtugħ/imbiegħed, inkoerenti, mbeżża', inkwetat? Hemm xi persuna tistenna lit-tifel/tifla jew it-tifel/tifla qed iħares lejn xi adult ieħor? Fi kwalunkwe ħin, jekk ikun hemm suspett raġonevoli li t-tifel/tifla jista' jkun f'riskju ta' traffikar, jew inkella li għandu bżonn ta' protezzjoni, il-mekkaniżmu ta' riferiment u l-investigazzjoni iniz-

jali għandhom jiġi applikati immedjatament skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali.

Ftakar li għandek **tikkomunika b'mod adatt għat-tfal**, u li għandek tqis l-età u l-maturità tat-tifel/tifla. Żommu infurmat b'dak li qed jiġri u b'dak li se jsejtn. Żgura **aċċess għas-servizzi bażiċi**.

**L-aħjar interessi tat-tifel/tifla għandhom ikunu l-kunsiderazzjoni primarja f'kull azzjoni u deċizzjoni** li jikkonċernaw lit-tifel/tifla. Bħala regola ġenerali, it-tfal m'għandhomx jiġu sseparati mill-ġenituri jew mill-qraba li jkunu qed jakkumpanjawhom, sakemm ikun hemm suspett raġonevoli li dan mhuwiex għall-aħjar interessi tagħhom. F'każ bħal dan, servizzi speċjalizzati għall-protezzjoni tat-tfal għandhom jiġu infurmati immedjatament skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali.

Għandu jiġi applikat il-prinċipju ta' *non-refoulement*. Jekk ir-ritorn japplika, għandhom jiġu osservati s-salvagwardji għat-tfal stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva dwar ir-Ritorn.



Ara Sezzjoni *Tfal mhux akkumpanjati jew separati* tal-Gwida Prattika

Għal aktar informazzjoni, ikkonsulta *il-Frontex Vega Children Handbook*<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> [http://frontex.europa.eu/assets/Publications/Training/VEGA\\_Children\\_Handbook.pdf](http://frontex.europa.eu/assets/Publications/Training/VEGA_Children_Handbook.pdf)

# 9 Tista' vittma tat-traffikar tal-bnedmin ikollha wkoll bżonn ta' protezzjoni internazzjonali?

Jekk ikun hemm raġunijiet biex wieħed jemmen li persuna tista' tkun vittma tat-traffikar tal-bnedmin, din il-persuna għandha tiġi riferuta lill-awtoritajiet u lis-servizzi responsabbli skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali għall-assistenza u l-appoġġ rilevanti. Agħmel ċert li inti taf il-proċeduri ta' riferiment nazzjonali għall-vittmi ta' traffikar tal-bnedmin u li għandek id-dettalji ta' kuntatt rilevanti disponibbli.

Madankollu, **f'xi każijiet, il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jistgħu jkunu wkoll jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u għandhom jingħataw aċċess għall-proċedura tal-ażil.** Fi kwalunkwe każ, il-vittmi kollha tat-traffikar tal-bnedmin għandhom ikunu mgħarrfa b'mod xieraq dwar id-dritt tagħhom li jfittxu ażil.

Kun af li t-traffikant xorta jista' jkun fil-viċin. Huwa importanti li kulħadd ikollu l-opportunità li jitkellem miegħek f'ismu stess, liberament u fil-privat. Agħmel ċert li ħadd ma jintervjeni u/jew iwieġeb mistoqsijiet f'isem persuna oħra apparti meta jkun qed jaġixxi għall-aħjar interessi ta' dik il-persuna. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-indikazzjonijiet possibbli ta' traffikar fil-każ ta' tfal mhux akkumpanjati jew separati.

Fil-każ ta' nisa u bniet, għandha jiġi żgurata l-preżenza ta' uffiċjal tal-ewwel kuntatt mara, jekk dan ikun

possibbli. Nisa u bniet m'għandhomx jiġu mħeġġa jitekllmu dwar inċidenti jew reati relatati mal-isfruttament sesswali jew mal-vjolenza. Jekk ikun xieraq, meta wieħed jikkunsidra l-età tagħhom, b'mod sensittiv in-nisa għandhom jiġu mistoqsijin jekk humiex tqal u, jekk ikun hemm bżonn, għandhom jiġu infurmati bl-assistenza disponibbli.



Ara Sezzjoni *Persuni bi ħtiġijiet speċjali multipli* tal-Gwida Prattika.

# 10

## Min jista' japplika għall-protezzjoni internazzjonali?

**Kulħadd għandu d-dritt li japplika għall-protezzjoni internazzjonali.**

Id-dritt għall-ażil huwa rikonoxxut fil-Konvenzjoni ta' Ġinevra, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, u fi strumenti legali internazzjonali u Ewropej oħrajn. Madankollu, dan ma jfissirx li kull persuna li tapplika għall-protezzjoni internazzjonali se tirċeviha. F'kull sistema tal-ażil, xi applikanti se jrin jiġu rriġutati u xi wħud aċċettati, iżda kollha għandhom jiġu evalwati skont il-liġi Ewropea u internazzjonali.

Aċċess għal proċeduri siguri u adegwati huwa element essenzjali għat-tgawdija effettiva tad-dritt għall-ażil. Bħala uffiċjal tal-ewwel kuntatt, int għandek rwol kruċjali biex tidentifika dawk li jistgħu jkunu jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali u li tiżgura li jkollhom aċċess għall-proċedura tal-ażil.



*Ara Sezzjoni Min jista' jkun jixtieq jagħmel applikazzjoni tal-Gwida Prattika.*

# 11 Tista' persuna b'dokumenti frodulenti jew mingħajr l-ebda dokument tapplika hi wkoll għal protezzjoni internazzjonali?

Iva. Kulħadd għandu d-dritt li japplika għall-protezzjoni internazzjonali irrispettivament minn jekk din il-persuna tkunx daħlet fl-Istat Membru jew tkunx preżenti fit-territorju tiegħu illegalment, bl-użu ta' dokumenti foloz jew frodulenti jew mingħajr l-ebda dokument.

Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jeħtieġu l-protezzjoni internazzjonali huma kkonfrontati b'sitwazzjonijiet ta' vjolenza ta' theddida għall-ħajja, li rarament jagħtuhom l-opportunità li jiġbru d-dokumentazzjoni meħtieġa biex jingħataw aċċess għall-UE permezz ta' mezzi legali.

Skont il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u l-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen, l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali ma jistgħux jiġu penalizzati minħabba d-dħul jew il-preżenza illegali tagħhom, dment li jippreżentaw lilhom infushom mingħajr dewmien lill-awtoritajiet. Anki matul l-investigazzjoni ta' dokumenti foloz u frodulenti, il-persuna tista' tapplika għall-protezzjoni internazzjonali. F'dan il-każ, l-investigazzjoni tal-pulizija għandha titwaqqaf u għandha tinbeda l-proċedura tal-ażil.



*Ara Sezzjoni Min jista' jkun jixtieq jagħmel applikazzjoni tal-Gwida Prattika.*

# 12 Kif nagħraf li xi ħadd jista' jkun li jixtieq japplika għall-protezzjoni internazzjonali?

Ħafna persuni li jistgħu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali ma japplikawx b'mod attiv għall-ażil fil-pajjiż li jaslu fih. Ħafna minnhom jista' jkun li ma jafux bid-drittijiet u bl-obbligi tagħhom u jistgħu jagħżlu li ma jitolbux għall-protezzjoni minħabba s-sitwazzjoni speċifika tagħhom jew minħabba li jkunu ġew infurmati ħażin minn oħrajn, inklużi l-kutrabandisti, dwar l-għażliet tagħhom.

Għalhekk huwa importanti li wieħed josserva u li **jagħti attenzjoni għall-indikazzjonijiet li juru li persuna tista' tkun tixtieq tapplika għall-protezzjoni internazzjonali.**

L-indikazzjonijiet li persuna tista' tkun tixtieq tapplika għall-protezzjoni internazzjonali jistgħu jiġu żvelati b'diversi modi. Int tista' tosservahom, titgħallimhom permezz ta' kuntatt dirett mal-persuna jew ma' persuni oħrajn, tiddeduċihom mid-dokumenti li tippreżenta l-persuna u/jew tiltaqa' magħhom taħt ċirkostanzi oħra. Sabiex tinduna bl-indikazzjonijiet iktar malajr u b'mod iktar preċiż, **agħti attenzjoni partikolari għall-elementi li ġejjin:**

1. **Min hi dik il-persuna** (l-età; is-sess; l-istatus tal-familja; l-etniċità, ir-reliġjon u n-nazzjonalità)

2. **Minn fejn ġejja dik il-persuna** (il-pajjiż ta' oriġini; iċ-ċirkostanzi ġenerali tal-wasla)
3. **Dak li tgħid il-persuna/minn xiex tibża':**
  - Tmut jew tinqatel
  - Persekuzzjoni
  - Tortura
  - Gwerra
  - Ritorn
4. **Xi trid il-persuna:**
  - Għajnuna
  - Protezzjoni
  - Biex tara rappreżentant tal-UN/UNHCR/avukat
5. **Inti x'tista' tosserva (apparenza u mġiba)**
  - Taffaċċja/tevita lill-uffiċjal
  - Biża', stress jew silenzju mhux tas-soltu
  - Mġiba u/jew attitudni mhux tas-soltu
  - Apparenza (korrimenti, ċikatriċi, ħwejjeġ, affarijiet personali, eċċ.)

L-ġhoti ta' informazzjoni huwa element ewlieni fl-iżgurar tal-aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil. Bħala uffiċjal tal-ewwel kuntatt, ir-rwol tiegħek huwa li tkun ċert li l-persuni li jistgħu jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali huma kapaċi jagħmlu dan. Għalhekk jeħtieġ li b'mod proattiv tipprovdihom informazzjoni dwar id-dritt li japplikaw għall-ażil, inkluż dwar id-drittijiet u l-obbligi li dan iġib miegħu.



Ara Sezzjoni *Lista mhux eżawrjenti tal-Gwida Prattika*.

# 13

## Meta u kif għandi nipprovdni informazzjoni lil persuni li jistgħu jkunu jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali?

Bħala uffiċjal tal-ewwel kuntatt, ir-rwol tiegħek huwa li tkun ċert li l-persuni li jistgħu jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali huma kapaċi jagħmlu dan. Għalhekk jeħtieġ li b'mod proattiv tipprovdilhom informazzjoni dwar id-dritt li japplikaw għall-ażil, inkluż dwar id-drittijiet u l-obbligi li dan iġib miegħu. L-għan ewlieni għall-ġoti tal-informazzjoni huwa biex jiġi żgurat li l-persuni li jista' jkun li għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, ikollhom aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil.

B'mod ġenerali, informazzjoni dwar il-possibbiltà li wieħed japplika għall-protezzjoni internazzjonali għandha tiġi pprovduta f'faċilitajiet ta' detenzjoni u f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi f'żoni ta' tranżitu, fil-fruntieri esterni. Madankollu, tista' tinftiehem bħala prattika tajba li tali informazzjoni tiġi pprovduta wkoll fil-mument fejn in-nies li jkunu qed jippruvaw jevitaw il-punti tal-qsim tal-fruntieri jitwaqqfu mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tal-fruntieri.

Agħmel ċert li inti taf bl-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta bbażata fuq il-prattika u l-leġiżlazz-

joni nazzjonali u skont il-liġi tal-UE. L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta **fil-ħin** u għandha tkun kemm jista' jkun kompluta. Huwa neċessarju li tikkomunika **b'lingwa li tinftiehem mill-persuna**. Jekk ikun hemm bżonn, għandu jiġi żgurat servizz ta' interpretazzjoni. **Il-lingwa u l-komunikazzjoni għandhom jiġu adattati għas-sess, l-età, l-istat fiżiku u mentali u/jew il-livell ta' edukazzjoni tal-persuna quddiemek.** Fil-każ ta' nisa u bniet, għandha tiġi żgurata l-preżenza ta' uffiċjal tal-ewwel kuntatt mara u ta' interpretu mara, jekk dan ikun possibbli.



Ara Sezzjoni *Lista mhux eżawrjenti* tal-Gwida Prattika.

# 14 Meta għandha persuna ssir applikant għall-protezzjoni internazzjonali?

**Persuna tista' ssir applikant għall-protezzjoni internazzjonali meta tagħmel applikazzjoni.** Skont l-*acquis* tal-ażil tal-UE, persuna hija kkunsidrata li għamlet **applikazzjoni meta hi tesprimi, bi kwalunkwe forma u lil kwalunkwe awtorità, ix-xewqa li tapplika għall-protezzjoni internazzjonali**, jew meta hi tista' tinftiehem li tkun qed tfittex protezzjoni internazzjonali. M'hemmx bżonn li tintuża l-kelma eżatta "ażil" jew "refuġjat". L-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jingħataw id-drittijiet u l-obbligi kollha marbutin ma' dan l-istatus.

Bħal uffiċjal tal-ewwel kuntatt, spiss ħa tkun l-ewwel rappreżentant ta' pajjiżek li miegħu se tiġi f'kuntatt il-persuna li jista' jkollha bżonn ta' protezzjoni internazzjonali. F'haġna każijiet, dawn il-persuni se jkollhom, għall-ewwel darba, iċ-ċans li jesprimu miegħek ix-xewqa li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali.

Ftakar li haġna persuni li jista' jkun li għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jibżgħu minn persekuzzjoni minn uffiċjali ta' pajjiżhom stess jew ġew trattati ħażin minn uffiċjali f'pajjiżi oħrajn matul il-vjaġġ tagħhom. F'haġna każijiet dawn mhux bilfors jaffrontawk direttament jew japplikaw b'mod attiv għall-ażil. **L-uffiċjali tal-ewwel kuntatt għandhom rwol ewlieni li joħolqu ambjent ta' fiduċja u li b'mod proattiv jidentifikaw persuni li jistgħu jkunu jixtiequ japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali, li jipprovduhom informazzjoni rilevanti dwar id-dritt li japplikaw għall-ażil u li jirreferuhom għall-proċeduri xierqa.**



Ara Sezzjoni X'tagħmel wara jekk persuna tapplika għall-protezzjoni internazzjonali tal-Gwida Prattika.

# 15 Kif ninduna li persuna qed titlob għall-protezzjoni internazzjonali?

Bħala uffiċjal tal-ewwel kuntatt, int spiss ħa tkun l-ewwel rappreżentant ta' pajjiżek li miegħu se jkollhom kuntatt ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu qed jaslu fl-UE u li miegħu se jkollhom għall-ewwel darba ċ-ċans li jesprimu x-xewqa tagħhom li japplikaw għall-ażil.

Kun af li persuni jistgħu jesprimu l-intenzjoni tagħhom li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali b'varjetà ta' modi. **Kull espressjoni ta' biża' minn persekuzzjoni jew minn dannu serju jekk jiġi rifjutat id-dħul, espressa kemm verbalment jew bil-kitba, tikkwalifika bħala xewqa bħal din.** M'hemmx bżonn li tintuża l-kelma eżatta "ażil" jew "refuġjat".

Xi wħud mill-kliem, espressjonijiet jew messaġġi ewlenin li jistgħu jagħtu sinjal li persuna tista' tkun tixtieq tapplika għall-protezzjoni internazzjonali jinkludu **biża' li tinqatel, li tiġi ppersegwitata, ittorturata u biża' mill-gwerra** u/jew **biża' li tintbagħat lura**. Il-persuna tista' wkoll titlob **għajnuna, protezzjoni** jew tista' tkun tixtieq tara lill-**UN, lill-uffiċċju tal-UNHCR** jew lil xi **avukat**, eċċ.

**Kull persuna li tkun esprimiet ix-xewqa li tapplika għall-protezzjoni internazzjonali ssir applikant bid-drittijiet u bl-obbligi kollha marbuta ma' dan l-istatus u għandha tiġi riferuta lill-awtoritajiet responsabbli** għal aktar evalwazzjoni. Ftakar li l-ġudizzju tiegħek fil-punt tad-dħul għandu importanza kruċjali u kritika. Ikkonsulta mas-superjur tiegħek kull meta jkollok xi dubju dwar l-intenzjonijiet tal-persuna quddiemek.



Ara Sezzjoni Irrikonoxxi l-għemil tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tal-Gwida Prattika.

# 16 X'għandi nagħmel jekk persuna tkun esprimiet miegħi x-xewqa li tapplika għall-protezzjoni internazzjonali?

Hekk kif persuna tkun esprimiet ix-xewqa li tapplika għall-protezzjoni internazzjonali, **hi/hu ssir applikant u għandha tiġi riferuta lill-awtoritajiet responsabbli** għal aktar evalwazzjoni. Bħala uffiċjal tal-awtorità, li probabbilment se tirċievi applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, int għandek id-dmir li tinforma lill-applikant fejn u kif l-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata.

**L-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali huma intitolati għal ċerti drittijiet u garanziji** marbuta ma' dan l-istatus, inklużi d-dritt li jibqgħu, id-dritt għal kundizzjonijiet materjali bażiċi ta' akkoljenza, appoġġ adegwat fil-każ ta' bżonnijiet proċedurali speċjali u/jew bżonnijiet ta' akkoljenza, id-dritt li jirċievu iktar informazzjoni dettaljata dwar il-proċedura tal-ażil fil-lingwa li jifhemu u garanziji f'każ ta' detenzjoni. Bħala uffiċjal tal-ewwel kuntatt, inti responsabbli li tgħin biex dawn id-drittijiet jiġu żgurati, pereżempju billi tirreferi l-applikanti lill-awtoritajiet u lill-organizzazzjonijiet rilevanti.

Wara li l-applikazzjoni tkun saret, din għandha tiġi rreġistrata.

- **Jekk int taħdem għal awtorità li għandha l-kompetenza li tirreġistra l-applikazzjoni, inti mitlub(a) li tagħmel dan fi żmien tlett ijiem ta' xogħol.**

- **Jekk taħdem għal xi awtorità oħra, għandek tirreferi l-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti biex b'hekk din tkun reġistrata** mhux iktar tard minn sitt ijiem ta' xogħol minn wara li tkun saret l-applikazzjoni. Huwa rrakkomandat li żżomm rekord bil-miktub li tkun irċevejt l-applikazzjoni, skont il-leġiżlazzjoni u l-prattika nazzjonali tiegħek.

**Ftakar, li l-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali m'għandhomx jiġu penalizzati minħabba d-dħul jew il-preżenza illegali tagħhom**, dment li jippreżentaw lilhom infushom mingħajr dewmien lill-awtoritajiet.



*Ara Sezzjoni X'tagħmel wara jekk persuna tapplika għall-protezzjoni internazzjonali tal-Gwida Prattika.*

# 17 X'għandi nagħmel jekk ikun hemm indikazzjonijiet li xi ħadd jista' jkun li jkollu bżonn ta' protezzjoni, iżda hu/hi ma esprimiex ix-xewqa li japplika?

Ħafna persuni jista' jkun li jkollhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali ma japplikawx b'mod attiv għall-ażil. Pereżempju, dawn jistgħu ma jkunux jaflu bid-dritt jew dwar il-proċeduri biex jagħmlu dan, jistgħu jkunu vittmi ta' traffikar jew jistgħu jsofru minn trawma relatata ma' persekuzzjoni jew mal-vjaġġ diffiċili. Barra minn hekk, persuni li għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali spiss ma jkollhomx informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom, ikollhom qrafa fi Stati Membri oħra li jkunu jridu jingħaqdu magħhom, jew jiġu infurmati ħażin minn nies oħra, inklużi l-kuntribandisti, dwar l-għażliet tagħhom. Mhux realistiku li wieħed jistenna li dawn ikollhom għarfien kumpless dwar il-proċeduri tal-ażil u ta' Dublin, fiduċja sħiħa fl-awtoritajiet biex jesprimu l-biża' tagħhom fil-fruntieri jew fid-detenzjoni, jew li jkunu jaflu l-kliem u l-espressjonijiet korretti li jistgħu jagħtuhom aċċess għall-proċedura.

**L-għoti tal-informazzjoni huwa element ewlieni biex jiġi żgurat li l-persuni li jista' jkun li jkollhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jkollhom aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil** u li huma kapaċi jagħmlu deċiżjonijiet infurmati sew dwar jekk għandhomx japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali jew le.

Ftakar li huwa parti mill-obbligu tiegħek li tiżgu-

ra li l-ebda persuna, anki jekk ma tkunx applikat għall-protezzjoni internazzjonali, ma tiġi ritornata f'post fejn tista' taffaċċja persekuzzjoni, kastig jew trattament inuman jew degradanti, inkluża t-tortura, anki jekk din tkun tinsab f'sitwazzjoni migratorja irregolari. Kull ritorn għandu jsegwi l-proċeduri stabbiliti, inklużi s-salvagwardji u l-garanziji legali meħtieġa.

Ikkonsulta lis-superjur tiegħek kull meta jkollok xi dubju dwar l-intenzjonijiet tal-persuna quddiemek, speċjalment jekk ir-ritorn tiegħu/tagħha lejn il-pajjiż ta' oriġini jew tranżitu jikkostitwixxi possibbiltà ta' ksur tal-liġi Ewropea u internazzjonali.



*Ara Sezzjoni X'tagħmel wara jekk persuna li jista' jkollha bżonnijiet ta' protezzjoni ma tkunx trid tapplika għall-protezzjoni internazzjonali tal-Gwida Prattika.*

# 18

## X'jiġri jekk persuna applikat għall-ażil, iżda jien nissuspetta li din il-persuna qed tipprova biss tabbuża mis-sistema?

Kull persuna li tkun esprimiet ix-xewqa li tapplika għall-protezzjoni internazzjonali ssir applikant bid-drittijiet u bl-obbligi kollha marbuta ma' dan l-istatus u għandha tiġi riferuta lill-awtoritajiet responsabbli għal aktar evalwazzjoni.

Ftakar li mhuwiex kompitu tiegħek li tevalwa jekk persuna tinsabx fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jew jekk l-istorja tiegħu/tagħha hijiex kredibbli. Hija r-responsabbiltà tal-awtorità tal-ażil. F'kull sistema tal-ażil xi applikazzjonijiet se jiġu rifjutati u xi oħrajn se jiġu aċċettati, iżda kollha kemm huma għandhom jiġu evalwati skont il-liġi Ewropea u internazzjonali.

Madankollu, inti tista' tesprimi x-xewqa li tikkonsulta lis-superjur tiegħek jew li tinforma lill-awtorità responsabbli dwar ir-raġunijiet għad-dubji tiegħek.



Ara Sezzjoni Min jista' jkun jixtieq jagħmel applikazzjoni tal-Gwida Prattika.

# 19 X'jiġri jekk ma jirnexxlix nidentifika persuna li tixtieq tapplika għall- protezzjoni internazzjonali?

Identifikazzjoni inkorretta u nuqqas ta' riferiment tal-persuna lill-awtoritajiet kompetenti jistgħu joħolqu konsegwenzi serji għall-persuna. **Din tista' tintbagħat lura f'pajjiż fejn il-ħajja jew il-libertà tagħha jkunu mhedda jew fejn hija taffaċċja persekuzzjoni, mewt, trattament degradanti krudili u inuman jew vjolazzjonijiet serji oħra tad-drittijiet tal-bniedem.**

Bħala uffiċjal tal-ewwel kuntatt int għandek ir-rwol kruċjali li tiżgura aċċess għall-protezzjoni lill-persuni fil-bżonn. Ikkonsulta mas-superjur tiegħek kull meta jkollok xi dubju dwar l-intenzjonijiet tal-persuna quddiemek.

# 20

## Xi kultant inħossni eżawrit(a) jew inħossni rrabjat(a) għall-persuni li jkolli naffaċċja fuq bażi ta' kuljum. Dan huwa normali?

Kull uffiċjal tal-ewwel kuntatt jeħtieġ li jwettaq il-kompiti tiegħu/tagħha taħt ċirkostanzi impenjattivi, u spiss jiltaqa' ma' nies minn kulturi differenti, minn sfondi soċjali differenti u b'esperjenzi tal-ħajja differenti. Dan l-ambjent ta' xogħol interessanti, iżda estremament impenjattiv jista' jkollu impatt fuq il-benesseri psikoloġiku tiegħek. Fil-qadi ta' dmirijietek, tista' tesperjenza varjetà ta' emozzjonijiet, li jvarjaw minn kompassjoni, għal indifferenza, sa li tirrifjuta lill-individwi li tiltaqa' magħhom kuljum. Dan imbagħad jista' jaffettwa l-effikaċja u l-kwalità tax-xogħol tiegħek, u l-ħila tiegħek li tieħu d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet xierqa.

Huwa importanti li tkun taf b'dawk il-fatturi kif ukoll biċ-ċirkostanzi personali tiegħek u tagħmel sforz kostanti biex tnaqqas l-impatt tagħhom. Jekk hemm bżonn, iżżommx lura milli tistaqsi lill-kollegi jew lis-superviżuri tiegħek għall-appoġġ jew milli tfittex pariri professjonali.



Ara Sezzjoni Kun konxju/a taċ-ċirkostanzi personali tiegħek tal-Gwida Prattika.

# L-Aċċess għall-Proċedura tal-Ażil

- ▶ Kull bniedem għandu jiġi stmat u rispettati.
- ▶ Il-kura tas-saħħa ta' emerġenza u l-bżonni-jiet bażiċi għandhom dejjem jiġu indirizzati l-ewwel.

1

## Kulħadd jista' jkun refuġjat

Kulħadd jista' jkollu ħtiġijiet ta' protezzjoni, irrispettivament mill-pajjiż ta' oriġini, etniċità, dehra jew l-imġiba tiegħu.

2

## Kulħadd huwa intitolat għall-protezzjoni kontra r-refoulement

Ħadd ma jista' jiġi mkeċċi jew ritornat f'sitwazzjoni fejn hu/hi se jaffaċċja riskju ta' persekuzzjoni, tal-piena tal-mewt, ta' tortura jew trattament jew kastig inuman jew degradanti ieħor. Din ir-regola tapplika wkoll għannuqqas ta' ammissjoni fil-fruntiera u għal kwalkunkwe forma ta' tneħħija bil-forza.

3

## Persuni vulnerabbli għandhom jiġu identifikati u appoġġjati b'mod adegwat

Miżuri meħudin fil-punti tal-qsim tal-fruntieri u f'faċilitajiet ta' detenzjoni huma kruċjali, fejn il-ħtiġijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli, inkluż it-tfal u l-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, jistgħu jiġu ddikjarati jew skoperti.

4

## L-aħjar interessi għat-tfal jieħdu preċedenza fl-azzjonijiet kollha li jikkonċernaw lit-tfal

Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, għandu jingħata l-każ kif dovut, fuq il-bażi ta' każ b'każ, ta' fatturi bħas-sigurtà u sikurezza, possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, il-benesseri tat-tfal u l-fehmiet tat-tfal skont l-età u l-maturità tagħhom.

5

## Kull min jixtieq japplika għall-protezzjoni internazzjonali għandu jkun infurmat bid-dritt li għandu biex jagħmel dan

Informazzjoni dwar dan id-dritt għall-ażil għandha tiġi pprovduta lill-persuni kollha li jistgħu jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali sabiex jiġi żgurat li dawn ikollhom aċċess effettiv għall-proċedura tal-ażil.

6

## **Kulħadd għandu d-dritt li japplika għall-protezzjoni internazzjonali**

Ħadd ma jista' jiġi mċaħħad mill-aċċess għall-proċedura tal-ażil, anki jekk dik il-persuna ma tkunx issodisfat il-kundizzjonijiet tad-dħul.

7

## **Kull sinjal jew espressjoni ta' biża' tista' tinftiehem bħala talba għall-protezzjoni internazzjonali**

In-nies jistgħu jesprimu l-intenzjoni tagħhom li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali b'diversi modi. Kull espressjoni ta' biża' ta' persekuzzjoni jew ta' dannu serju jekk id-dħul jiġi rifjutat — bil-fomm jew bil-miktub — tikkwalifika bħala talba bħal din. Mhuwiex meħtieġ li tintuża l-kelma "ażil" jew "refuġjat".

8

## **Applikanti għall-protezzjoni internazzjonali m'għandhomx jiġu penalizzati minħabba d-dħul jew il-preżenza illegali tagħhom**

Dawk li jippreżentaw lilhom infushom mingħajr dewmien lill-awtoritajiet m'għandhomx jiġu penalizzati bħala riżultat tad-dħul jew tal-preżenza illegali tagħhom.

9

## **Kull applikazzjoni għandha tkun reġistrata jew irreferuta għar-reġistrazzjoni lill-awtorità responsabbli**

Wara li tkun saret applikazzjoni din għandha tkun irreġistrata mill-awtorità responsabbli. Ir-reġistrazzjoni għandha tiġi kkompletata kemm jista' jkun malajr, fil-limiti taż-żmien preskritti mil-liġi.

10

## **Il-prinċipju ta' *non-refoulement* għandu jiġi żgurat, anki meta persuna ma tapplikax għall-ażil**

Kull ritorn għandu jsegwi l-proċeduri stabbiliti, inklużi s-salvagwardji u l-garanziji legali meħtieġa. Ħadd ma jista' jiġi ritornat lejn pajjiż fejn hu/hi jkun f'riskju ta' tortura, kastig jew trattament inuman jew degradanti, anki jekk hu/hi jkun jinsab f'sitwazzjoni ta' immigrazzjoni irregolari.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### **Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda: permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:  
mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea ([http://ec.europa.eu/represent\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/represent_mt.htm)),  
mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE ([http://eeas.europa.eu/delegations/index\\_mt.htm](http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm)),  
billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct ([http://europa.eu/europedirect/index\\_mt.htm](http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm))  
jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (\*).

(\*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

### **Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>).

Il-verżjoni elettronika tal-għodda tista' tinstab fuq il-paġni web tal-EASO u ta' Frontex flimkien ma' għodod prattiċi oħrajn għall-uffiċjali tal-ewwel kuntatt dwar l-Aċċess għall-Proċedura tal-Ażil:

<http://easo.europa.eu/accesstoprocedure>

<http://frontex.europa.eu/publications/?c=training>

